**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 10 ta' Mejju, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**-vs-**

**Kimberly Vassallo**
**detentrici tal-Karta tal-Identita`**
**bin-numru 266995 (M)**

Kumpilazzjoni Nru. 143/16

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata Kimberly Vassallo u ċioè talli:

F'Settembru 2015, fir-Rabat, Malta, ikkommettiet serq ta' flus mill-kont bankarju ta' ħuha Marknopf Vassallo, liema ammont huwa ta' tlett mitt euro (300 Euro), għad-dannu ta' Marknopf Vassallo, liema serq huwa aggravat bil-valur, u bil-persuna.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhud Marknopf Vassallo jitlob li ma jaghtix ix-xhieda tieghu fil-konfront tal-imputata peress li hija ohtu.

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 633(2) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddeciedi illi ma ggieghelx lix-xhud jiddeponi fil-konfront ta' ohtu.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li ma ghandux aktar xhieda jew provi ulterjuri f'dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi, ma tistax hlief tillibera lill-imputata mill-akkuza migjuba fil-konfront taghha fuq nuqqas ta' provi.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**